# Mozzjoni 1M

**Jiżdied artiklu 21.1 li jkun jaqra** "Il-Kumitat għandu jaħtar Membru barra mil-Kumitat biex jaġixxi bħala Awditur tal-Kontijiet u l-istat Finanzjarju tal-Għaqda. Dan għandu jsir sa mhux aktar minn tletin ġurnata mil-Ewwel Laqgħa tal-Kumitat. L-Awditur għandu jkun maħtur permezz ta' *Letter of Appointment*."
**Jiżdied artiklu 21.2 li jkun jaqra** "L-Awditur għandu d-dritt li jidħol għal-laqgħat tal-Kumitat bħala Osservatur, għalekk dan ma jkollux vot."
**Jiżdied artiklu 21.3 li jkun jaqra** "L-Awditur għandu d-dritt li jitlob l-istat Finanzjarju tal-Għaqda meta jrid. Id-dokumenti għandhom jaslu għandu sa mhux aktar minn sebgħat ijiem mit-talba."
*In-numri msemmija minn issa l-quddiem jirreferu għal-istatut Preżenti.*

# Mozzjoni 2M

**Artiklu 25.e isir jaqra** "Li jqiegħed quddiem il-Kumitat, darba fix-xahar l-istat tal-kont bankarju permezz ta' *Bank Statement* kif ukoll li juri l-istat tal-kontijiet interni li l-Għaqda għandha. It-teżorier għandu ukoll, darba fis-sena, appena r-rendikont ikun ivverifikat mil-Awditur tal-Għaqda, ipoġġi quddiem l-Għaqda id-dikjarazzjoni tal-kontijiet konklużi, rendikont tad-dħul u l-ħruġ u l- karta tal-bilanċ."
**Jiżdied artiklu 25.g li jkun jaqra** "Kull spiża sa' EURO 50 għandha tiġi mħallsa wara l-preżentazzjoni tal-irċevuta. Għal spejjeż aktar minn EURO 50 sa EURO 1,000, sa fejn hu possibli u ż-żmien jippermetti, għandhom jintalbu aktar minn żewġ stimi. Preferenza tingħata lil irħas stima li tkun taqdi l-bżonnijiet mitluba. Jekk le, għandha tingħata spjegazzjoni bil-miktub lit-Teżorier. Id-dmir tat-Teżorier huwa li japprova x-xiri. It-Teżorier ma jistax japprova spejjez aktar minn EURO 1,000. Dawn iridu jiġu approvati mil-Kumitat."

# Mozzjoni 3M

**Jiżdied artiklu 26.d li jkun jaqra** "Għandu ukoll ikun responsabbli tas-sit ufficċjali tal-Għaqda. Is-sit ufficjali tal-Għaqda għandu jġib l-isem ta':GHSTMALTA.ORG".

# Mozzjoni 4M

**Jiżdied ukoll sub-artiklu 31.3.1** li jkun jaqra "Il-Kumitat għandu d-dritt li japprova l-ħatra ta' kull persuna fis-sotto-kumitat."

**Jiżdied ukoll sub-artiklu 31.5 li jkun jaqra** "Bħala regola ġenerali, is-sotto-kumitat m'għandux jiftaħ kontijiet bankarji separati minn dak tal-Għaqda. Fil-każ li jinħass il-bżonn straordinarju li jinfetah kont bankarju separat dan għandu jgħaddi mil-Kumitat bi qbil unanimu. Il-Kont għandu jinfetah fil-format ta' "Għaqda Studenti tat-Teoloġija: Isem tas-sotto-kumitat" u jkollu l-istess firmatarji tal-Għaqda. *Iċ-Chairperson* tas-sotto-kumitat għandu jirrapporta lit-Teżorier tal-Għaqda għall-bżonnijiet Finanzjarji maqbula minn qabel bejn l-Għaqda u s-sotto-kumitat."

**Jiżdied ukol sub-artiklu 31.6 li jkun jaqra** "Is-sotto-kumitat għandu jkollu *Chairperson* li jkun maħtur mill-Kumitat. Dan jista jkun parti mill-Kumitat, u jekk ma jkunx, għandu jkun co-opted awtomatikament fil-Kumitat. Il-Kariga tispiċċa fid-data msemmija fil-*Letter of Appointment*."